# POTENTIA CORONA

josephfenech409@gmail.com
Ħarġa Nru 36



## SAN ĠWANN PAWLU II
Il-Papa tat-Totus Tuus

Fis-16 ta' Ottubru, 2002, fl-24anniversarju mill-ħatra tiegħu fuq is-Siġġu ta' Pietru, huwa ppromulga l-Ittra Appostolika Rosarium Virginis Mariae u żied mar-Rużarju l-Misteri tad-Dawl.

Nieda s-Sena tar-Rużarju Mqaddes bejn 2002 – 2003.

Ir-Rużarju huwa t-talba favorita tiegħi.

Itolbu, itolbu ħafna. Għidu r-Rużarju kuljum.

Irreċitaw ir-Rużarju kuljum. Bil-ħerqa neżorta lir-Rgħajja biex jitolbu r-Rużarju u jgħallmu lill-poplu fil-komunitajiet insara kif jitolbuh.

Kemm hija sabiħa l-familja li tirreċita r-Rużarju kull filgħaxija.

Mill-Ittra Appostolika
Rosarium Virginis Mariae

Ir-Rużarju għalkemm ta' xejra ċara Marjana, fil-qalba tiegħu huwa talba Kristoċentrika ... huwa jħaddan il-qofol kollu tal-messaġġ tal-Vanġelu.



Huwa l-eku tat-talba ta' Marija, il-Magnificat kontinwu tagħha għall-ħidma tal-Inkarnazzjoni fejjieda li bdiet fil-ġuf safi tagħha.

Bir-Rużarju, il-poplu nisrani jissieħeb fl-Iskola ta' Marija u jasal biex jikkontempla s-sebħ tal-Wiċċ ta' Kristu u jagħmel esperjenza tal-kobor bla qies tal-imħabba tiegħu.

Ir-Rużarju mbierek ta' Marija Katina ħelwa li tgħaqqadna ma' Alla !

Bir-Rużarju l-fidili jiksbu kotra kbira ta' grazzji , daqslikieku jiksbuhom mill-idejn stess ta' Omm il-Feddej.

Aqra din l-Ittra Appostolika li hija ta' ġmiel li ma bħalu.

## Kont Taf ?

Il-Papa Franġisku jistqarr li kien impressjona ruħu jara lil San Ġwanni Pawlu II għarkubbtejh fi Pjazza San Pietru jirreċita r-Rużarju. Minn dak in-nhar ried li hu wkoll jibda jirreċita r-Rużarju sħiħ ta' kuljum.

Fl-1830 f'Rue de Bac, Pariġi Marija dehret f'diversi dahriet lin-Novizza fil-Kunvent tal-Karità – Santa Katerina Labourè. Lilha kkummissjonata xxerred id-devozjoni tal-Midalja Mirakoluża f'ġieħ it-Tnissil Immakulat ta' Marija. Fl-Ewwel dehra, meta ma kenitx għadha tkellmet dwar il-Midalja, Marija lmentat li r-Rużarju kien qed ikun traskurat fost il-Poplu ta' Alla.